**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 30 ta' Settembru, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Arlen Bellotti**
**(ID 330297(M))**

**APPELL MINN DECIZJONI TAL-KUMMISSARJU GHALL-GUSTIZZJA (TRIBUNAL LOKALI NOFSINHAR)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat Arlen Bellotti, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 330297(M) akkuzat quddiem il-Kummissarju ghall-Gustizzja (fit-Tribunal Lokali Nofsinhar) talli:

Fit-22 ta' April 2015 u fix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Rat is-sentenza tal-Kummissjaru ghall-Gustizzja (Tribunal Lokali Nofsinhar) tat-23 ta' Ottubru 2015, li permezz taghha l-appellat instab hati ta' din l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u nghata twiddiba;

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija, ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 2015, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tibdel il-piena erogata fir-rigward ta' din l-imputazzjoni ma' wahda konsona mad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokument kollha;

Rat illi l-aggravju tal-appellant Kummissarju tal-Pulizija huwa s-segwenti u cioe`:-

Illi mid-dicitura tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ma johrog bl-ebda mod illi l-Kummissarju ghall-Gustizzja ghandu l-poter li jaghti canfira (R&A), peress illi hawnhekk l-istess gudikant irid japplika ligi specifika li tikkontempla biss liberatorja, penali jew ordni ta' rijabilitazzjoni fost ohrajn. Ic-canfira (R&A) ma tistax tinghata *sic et sempliciter* u ghaldaqstant jikkontendi li l-gudikant, f'dan il-kaz, ghamel enunzjazzjoni zbaljata tal-parametri penali li tippermetti l-ligi taht il-Kap. 537.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan huwa appell interpost mill-Kummissarju tal-Pulizija b'aggravju wiehed marbut mal-piena erogata mill-Kummissarju ghall-Gustizzja (Tribunal Lokali Nofsinhar) fir-rigward ta' sejbien ta' htija tal-appellat dwar imputazzjoni ta' pussess semplici ta' medicina psikotropika u specifikata.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi ghalkemm kemm mir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll mill-atti jirrizulta illi l-appellat kien gie akkuzat kemm bil-pussess semplici ta' medicina psikotropika u specifikata, kif ukoll bil-pussess semplici tal-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan b'referenza ghall-istess perjodu ta' zmien, biss jidher illi dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew trattati separatament b'tali mod li huwa gie mharrek b'zewg tahrikiet separati u li l-Kummissarju ghall-Gustizzja ghaddiet biex teroga sentenza separata fir-rigward ta' kull imputazzjoni. Kif inghad l-aggravju tal-appellant jikkoncerna s-sentenza li nghatat fir-rigward tal-imputazzjoni ta' pussess semplici ta' medicina psikotropika u specifikata u l-atti jinkludu biss is-sentenza ufficjali fir-rigward ta' din l-

imputazzjoni u ghaldaqstant, il-Qorti trid tillimita ruhha ghall-istess u purament ghall-aggravju sollevat mill-appellant il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi da parti tieghu, l-appellat eccepixxa illi l-Att I tas-sena 2015 (Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jipprovdix ghal dritt ta' appell minn decizjonijiet li jinghataw mit-Tribunal Lokali (Kummissarju ghall-Gustizzja).

F'dan ir-rigward, l-appellat jaghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 3(2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond l-appellat, il-Kap. 537 ma jipprovdix dwar appelli minn decizjonijiet li jittiehdu fit-termini tal-istess Att u la darba l-Artikolu 3(2) tal-Kap. 537 jirreferi ghal-ligijiet dwar id-droga fir-rigward ta' materji li ma jkunux esplicitament previsti fl-Att, wiehed ghalhekk ghandu jirreferi ghad-disposizzjonijiet tal-ligijiet dwar id-droga ossia l-Kapitoli 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta li, da parti taghhom ma jipprovdu ghall-ebda appell mill-Kummissarju tal-Pulizija dwar sentenzi moghtija a bazi taghhom. Il-*lex specialis* f'dan il-kaz, ossia l-Kap. 537, tipprovdi deroga mil-ligijiet dwar id-droga, izda ma tipprovdix xi deroga billi tippermetti appelli mill-Kummissarju tal-Pulizija minn decizjonijiet mill-Kummissarju ghall-Gustizzja fit-termini tal-Att.

Ukoll skond l-appellat, l-Artikolu 11(1) tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghal "*kull persuna li thossha aggravata bid-decizjoni ta' Kummissarju*" u jissottometti illi minn qari ta' dan l-Att, ghandu jirrizulta illi 'persuna' ma tinkludix lill-Kummissarju tal-Pulizija li ghalhekk m'ghandu l-ebda dritt ta' appell, izda tirreferi biss ghall-persuna akkuzata.

Dwar dan il-punt sollevat mill-appellat, il-Qorti fl-ewwel lok tinnota illi l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2), id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att inkluz il-proceduri, mizuri u pieni previsti f'dan l-Att fir-rigward ta' reati kontra l-ligijiet dwar id-droga, ghandom japplikaw minkejja u ghall-eskluzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-ligijiet dwar id-droga ...*".

Is-sub-artikolu (2) tal-istess Artikolu mbaghad jghid hekk:

"*Il-ligijiet dwar id-droga ghandhom jibqghu fis-sehh bl-eccezzjoni ta' kwalunkwe materja esplicitament prevista f'dan l-Att*".

Ghalhekk, reati kontra l-ligijiet dwar id-droga huma regolati bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dan biss fir-rigward ta' kwalunkwe materja

specifikatament imsemmija fl-Att ossia l-Att I tas-sena 2015. Altrimenti jibqghu japplikaw il-ligijiet dwar id-droga.

Fir-rigward tar-reat ta' pussess tad-droga ghall-uzu personali tal-persuna fic-cirkostanzi indikati fl-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 – u r-reat mertu tal-appell odjern huwa proprju reat tali – l-istess Artikolu 4(1) jghid ukoll illi dik il-persuna "*ghandha tkun soggetta ghal process* *skont l-Att dwar il-Kummissarji ghall-Gustizzja*" [sottolinear tal-Qorti].

Dan ifisser ghalhekk illi fir-rigward tar-reat ta' pussess tad-droga ghall-uzu personali fil-parametri indikati fl-artikolu appena msemmi, minkejja li fost materji ohrajn, il-pieni applikabbli u l-mizuri li jistghu jittiehdu wara sejbien ta' htija jemanaw mill-Kapitolu 537, biss il-proceduri huma regolati mill-Att dwar il-Kummissarji ghall-Gustizzja ossia mill-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu jaghti dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Kummissarji ghall-Gustizzja lil Qorti tal-Magistrati u fis-sub-artikolu (1) jghid hekk:

"*Kull persuna li thossha aggravata bid-decizjoni ta' Kummissarju tista', fi zmien tletin gurnata mill-jum li fih tinghata dik id-decizjoni, taghmel rikors lill-Qorti tal-Magistrati sabiex id-decizjoni tal-Kummissarju tigi revokata jew mibdula, u l-imsemmija qorti tkun minn dak il-hin vestita b'gurisdizzjoni li tiddeciedi dwar il-meriti tar-rikors*".

L-Artikolu 11A imbaghad jaghti dritt lil "*kull persuna li tinstab hatja ta' ksur taht l-artikolu 10*" li titlob ritrattazzjoni tal-kaz minhabba li ma tkun qatt giet notifikata kif imiss bl-akkuza kontra taghha skond il-ligi.

Issa skond l-appellat, meta d-disposizzjonijiet tal-Kap. 291 jirreferu ghal 'persuna', dawn dejjem jirreferu ghall-persuna akkuzata, mentri meta l-istess ligi titkellem dwar il-parti l-ohra fil-proceduri, dejjem tirreferi ghaliha bhala l-Pulizija Ezekuttiva jew il-Kunsill Lokali jew awtorita` ohra, skond il-kaz. Ghalhekk skond l-appellat, ir-referenza ghal 'persuna' fl-artikolu 11 tal-istess Kapitolu ma tistax hlief tirreferi biss ghall-persuna akkuzata, b'dan ghalhekk illi skond l-istess appellat, il-Kummissarju tal-Pulizija ma setax jinterponi dan l-appell.

Il-Qorti tinnota illi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 291 jirreferu ghall-persuna akkuzata bhala "l-persuna akkuzata" (l-Artikoli 3(1)(c), 5(2), 5(4), il-proviso tal-Artikolu 5(5), l-Artikolu 7 u l-proviso tal-istess artikolu u l-Artikoli 8, 10(1) u 10(2)), "il-persuna mharrka" (l-Artikolu 5(3)), "persuna li tigi notifikata kif imiss b'tahrika" (l-Artikolu 7), "l-persuna imputata" u "imputat" (l-ewwel proviso tal-Artikolu

10(2)) u ghall-persuna misjuba hatja (l-Artikolu 10(7)) wkoll bhala "l-persuna li tkun ordnata li thallas xi penali" (l-Artikolu 10(6)), "kull persuna li tonqos milli thallas penali imposta fuqha taht dan l-Att" (l-Artikolu 10(7)) u "persuna li tinstab hatja" (l-Artikolu 11A). L-Att jaghmel referenza wkoll ghall-"persuna [li] taghmel reat" (l-Artikolu 14(1)) u "il-persuna msemmija f'dak l-avviz" (l-Artikolu 14(3)). Jidher car ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, illi meta l-ligi rreferiet ghall-'persuna' sabiex tirreferi ghall-imputat, ghall-hati jew ghall-persuna li taghmel reat li ghalih japplika l-Att, dejjem ikkwalifikat din l-istess kelma skond il-kuntest li fiha tkun qeghda tintuza. Anke fil-kuntest ta' talba ghal ritrattazzjoni taht l-Artikolu 11A, il-ligi ma tuzax sempliciment il-kelma 'persuna', izda 'kull persuna li tinstab hatja' biex ghalhekk tillimita d-dritt ghal talba ta' ritrattazzjoni ghall-persuni li jinstabu hatja u li ma jkunux gew notifikati bl-akkuza kontra taghhom ai termini tal-ligi. Fil-fatt ghalkemm l-aggravju li a bazi tieghu wiehed jista' jitlob ritrattazzjoni tal-kaz huwa evidentement applikabbli biss ghall-persuna akkuzata li tinstab hatja, biss il-ligi xorta wahda specifikat dan. Ghall-kuntrarju, l-Artikolu 11(1) jitkellem biss dwar "*kull persuna li thossha aggravata bid-decizjoni ta' Kummissarju*" u ma jaghmel l-ebda referenza specifika jew esklussiva ghall-persuna li tinstab hatja.

Il-Qorti tqis ukoll illi ghalkemm huwa minnu dak li jikkontendi l-appellat ossia li f'certi kazijiet, id-dritt tal-appell tal-Prosekuzzjoni huwa limitat (ara per ezempju l-Artikolu 413(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), biss tali limitazzjonijiet jew anki eskluzjonijiet huma espressament stipulati fil-ligi. L-unika deroga mid-dritt ta' appell li jitkellem dwaru l-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, per ezempju, hija specifikatament stipulata fl-Artikolu 8(9) li jeskludi dritt ta' appell minn decizjoni tal-Qorti li tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga jew li tichad talba sabiex taghmel dan jew minn decizjoni tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. L-istess jaghmel il-proviso tal-Artikolu 11(2) tal-Kap. 291 li jeskludi appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati quddiem xi qorti ohra dwar il-mertu ta' rikors bhal dak odjern. In linea mal-massima legali *ubi lex voluit, dixit*, il-Qorti ma tistax tassumi li l-legislatur ried jidderoga mid-dritt ta' xi parti li tappella, hlief fejn dan jinghad espressament.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-unika eccezzjoni sollevata mill-appellat u tqis illi m'hemm xejn fil-ligi li jostakola lill-Prosekuzzjoni milli tinterponi appell fic-cirkostanzi msemmija fl-Artikolu 11(1) tal-Kap. 291, fejn din thossha aggravata bid-decizjoni ta' Kummissarju ghall-Gustizzja.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Dwar il-mertu tar-rikors odjern, il-Qorti tqis illi skond l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kaz ta' htija dwar pussess ta' droga projbita fic-cirkostanzi hemm indikati, il-piena applikabbli ghar-reat hija dik ta' penali bejn hamsa u sebghin Euro (€75) u mija u hamsa u ghoxrin Euro (€125), hlief fil-kaz tad-droga *cannabis* li fir-rigward taghha jipprovdi l-piena s-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 4. Il-Kap. 537 ma jipprevidix il-piena tac-canfira jew it-twiddiba u ghalhekk huwa car illi tali piena ma setghetx tigi imposta fuq l-appellat odjern.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant, fil-waqt illi qeghda tilqa' l-aggravju sollevat mill-appellant, il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, tirriforma l-piena inflitta u wara li rat l-Artikoli 40A u 120A(1)(a) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22/1985 u l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannah ghall-penali ta' hamsa u sebghin Euro (€75) u ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kap. 291, tordna li f'kaz li l-appellat ma jhallasx din is-somma fi zmien xahar mil-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Natasha Galea Sciberras
Magistrat